**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 468/97

Carmelo Axiaq

vs

Direttur Generali tal-Qrati u b' digriet tal-4 ta' Frar 1998 gie kjamat fir-rikors il-Management and Personnel Office fl-Ufficju tal-Prim Ministru

Illum 15 ta' Jannar, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn l-1987 u l-1995 ir-rikorrent sofra ingustizzja peress illi huwa kien iwettaq xoghol relattiv ghall-"custodian of archives" pero' ma kellux dan il-grad u konsegwentement is-salarju relatat ma' dan l-istess xoghol.

Illi l-fatti brevement kienu kif indikati 'in fra':

1. Il-post ta' 'custodian of archives' fil-Qrati ta' Malta ilu vakat minn Marzu 1983. B'danakollu ir-rikorrent u persuna ohra ilhom iwettqu dan ix-xoghol mill-1986.

2. Illi nonostante bosta talbiet din il-posizzjoni ma gietx rimedjata.

3. Il-fatt biss li xoghol bhal dan kien u ghadu jigi mitlub huwa prova cara tal-htiega tieghu.

4. Illi nonostante li l-intimat gie istruwit biex jimla din il-vakanza baqa' ma sar xejn;

Illi ir-rikorrent kien bi hsiebu jressaq ix-xhieda elenkati fil-lista.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talab sabiex dan it-Tribunal joghgbu jezamina u jiddeciedi dwar l-ilment tieghu ai termini ta' l-Att VIII tal-1997 u li jakkordlu r-rimedju xieraq u opportun fit-termini tal-istess ligi.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti esebiti mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tal-Qrati li eccepixxa:

Id-Direttur Generali tal-Qrati mhux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri stanti li l-krejazzjoni ta' karigi godda anke dipartimentali, tispetta lill-Management and Personnel Office fl-Ufficju tal-Prim Ministru u jkun utli li jigi kjamat f'din il-procedura l-persuna responsabbli minn dan l-ufficcju.

Ghaldaqstant ir-Registratur tal-Qrati talab li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Ra d-digriet tal-4 ta' Frar 1998 tal-kjamata in kawza tal-Management and Personnel Office fl-Ufficcju tal-Prim Ministru.

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tal-Management and Personnel Office li biha eccepixxa:

Illi f'Novembru 1993 il-General Workers Union kienet ghamlet talba biex il-vakanzi fil-grad ta' Custodian of Archives fil-Qorti li kien ilhom vakanti ghal numru ta' snin, jimtlew. Din l-ittra giet mghoddija lid-Direttur Generali tal-Qorti biex jaghti l-fehmiet tieghu anki minhabba l-fatt li l-postijiet kienu ilhom vakanti ghal perjodu twil u ma baqghux jidhru fl-estimi.

Illi fi Frar 1996 l-Agent Registratur tal-Qorti kien irrakkomanda struttura gdida fis-sezzjoni tal-Arkivji fejn kien qieghed jipproponi numru ta' postijiet fosthom dak ta' *Custodian of Archives.*

Illi l-MPO ma qabilx li terga' ssir struttura dipartimentali zghira ghaliex din kienet tmur kontra l-iskop ta' l-esercizzju tar-riforma

fis-Servizz Pubbliku. Barra minn dan, ix-xoghol involut seta jsir minn ufficjali fil-gradi tal-General Service.

Illi l-Agent Registratur tal-Qorti fil-principju qabel ma dan izda minhabba li ma kienx qieghed jigi pprovdut *Staff* fil-gradi tal-General Services rega' rrakkomanda li jimtlew dawn il-gradi dipartimentali. L-MPO ma qabilx li jergghu jinholqu gradi dipartimentali, u ssugerixxa illi l-Agent Registratur tal-Qorti jikkunsidra l-possibilita' li l-vakanzi jimtlew permezz ta' hatriet skond kif jipprovdi l-ftehim dwar il-Library Grades. Ma jirrizultax li xi talba f'dan is-sens qatt saret lil dan l-Ufficju.

Ra l-lista tax-xhieda tal-kjamat fil-kawza.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi gie prezentat affidavit tar-rikorrent li fih semma li ilu ghal dawn l-ahhar tnax il-sena jahdem bhala Kustodju tal-Arkivju tal-Qorti Superjuri jigifieri mit-8 ta' Jannar 1986 u dan wara li ghamel erbatax-il xahar jahdem fir-Registru Superjuri. Is-Sur Lino Grech kien qallu biex imur jahdem fl-Arkivju ma' Gaetano Decelis li dak iz-zmien kien Messenter II u ma' Carmelo Sciortino li kien ukoll

Messenger II u dan peress li Decelis kien ser imur ghall-missjoni fil-Kenya. Spiccaw jahdmu fl-arkivju Carmelo Axiaq u Carmelo Sciortino biss. Iddeskriva n-natura tax-xoghol fl-arkivju kif jidher a fol 21 sa 23 tal-process. Semma li hu jahdem bhala General Hand Group C. Kien kellem lil Dr. Kevin Aquilina li dak iz-zmien kien Acting Registrar of Courts biex isir Kustodju tal-arkivju u Dr. Kevin Aquilina kien kiteb lill-Management and Personnel Office u baqa' kif kien. Anke l-General Workers' Union kienet kitbet ukoll lill-Management and Personnel Office.

Zied jghid: "Applikazzjonijiet ghall-post ta' Arkivist qatt ma hargu matul dan il-perjodu. Ovvjament li kieku hargu l-applikazzjonijiet jiena kont napplika. Hemm distinzjoni bejn kustodju tal-arkivju u arkivist. L-arkivist huwa l-principal waqt li l-kustodju tal-arkivju huwa l-bniedem li jiehu hsieb tal-volumi li jkun hemm isfel…Ma nafx il-kwalifiki li kienu rikjesti precedentement ghal kustodju tal-arkivju u anqas naf jekk kienx isir ezami, interview jew xi haga ohra… Jiena nilmenta fuq il-fatt li ma niehux break pero` mistoqsi mit-Tribunal ninfurmah li jiena fil-fatt nitlaq fl-4.00 p.m. u mhux fil-5.15 p.m. bhall-haddiema l-ohrajn ghax jiena industrial."

Xehed li <u>Carmelo Sciortino</u> ma kienx Assistant tal-Kustodju tal-Arkivju ghax Assistent tal-Kustodju tal-Arkivju kien is-Sur Gaetano Decelis. Stqarr li Carmelo Sciortino kien zbaljat fl-ittra tieghu tal-15 ta' April 1981 li kien Acting as Assistant to the Custodian of Archives. Carmel Sciortino beda jahdem fl-arkivju fl-1 ta' April 1983. L-istaff tal-Arkivju kienu f'dak iz-zmien Pinu Asciak li kien Kustodju tal-Arkivju, Gaetano Decelis li kien

jaghmilha ta' Assistant Kustodju u ma' dawn kien hemm ukoll Carmelo Sciortino. Semma li Lino Grech ir-Registratur ta' dak iz-zmien kien qallu biex imur jahdem fejn kien jahdem missieru Pinu Asciak peress li Gaetano Decelis kien ser jispicca.

Xehed George Zerafa Director of Corporate Servcies mal-Ministry of Home Affairs li precedentement kellu l-istess kariga mal-Ministeru tal-Gustizzja. Irreferixxa ghall-ittra ta' Mario Cutajar Segretarju tat-Taqsima tal-General Workers` Union dwar il-kaz u in segwitu fil-11 ta' Ottubru 1994 kiteb lill-Union li r-Registratur tal-Qorti nghata struzzjonijiet biex jinholoq il-post ta' Kustodju fl-Arkivji tal-Qorti u jibda proceduri biex jimla din il-vakanza.

Xehedet Gemma Debono li dak iz-zmien kienet tokkupa l-kariga ta` Direttur Generali tal-Qorti li semmiet li l-post ta` kustodju ma jezistix pero` l-bniedem li jagixxi ta` kustodju huwa Carmelo Axiaq li ghandu persuna tassistieh. Semmiet li effettivament kien hemm anke Sciortino li kien jahdem ukoll mar-rikorrent pero` in segwitu Sciortino kien marad u kien talab biex jigi boarded out. Sciortino kien ferm aktar anzjan minn Carmelo Axiaq. Il-grad ta` Sciortino kien ta' Usher waqt li Carmelo Axiaq General Hand. Huwa l-Usher li huwa aktar gholi fil-kariga. Ziedet li kien hemm xi ideja li jkun hemm il-grad ta` kustodju pero` mill-MPO kien hemm oggezzjoni minhabba l-fatt li kienu qalu wara r-riforma li m` ghandux ikun hemm departimental grades.

Xehed Dr. Kevin Aquilina li semma li dak iz-zmien kien jahdem bhala Assistent Registratur il-Qorti. Zied li kien hemm

korrispondenza li kien bdiha r-registratur ta` qablu u cioe` s-Sur Lino Grech u kompliha hu. Grech kien qed jissuggerixxi li jinholqu gradi dipartimentali fl-arkivju tal-Qrati Superjuri. Dr. Aquilina kompla dik il-korrispondenza izda mill-MPO kien hemm oppozizzjoni minhabba li fir-ri-organizzazzjoni ma kienx previst il-grad dipartimentali. Ikkonferma li fl-arkivju kien hemm jahdmu s-Sur Sciortino li kellu grad ta` Usher u r-rikorrent li kellu grad ta` Group C. Is-Sur Sciortino kien is-superjur tas-Sur Axiaq.

Xehed Mario Cutajar Deputat Segretarju Generali tal-General Workers` Union. Ikkonferma li kien hemm korrispondenza fuq il-kaz bejn il-Union u l-Gvern li jirrigwardaw lil Sciortino u lil Axiaq bl-isperenza li jerga' jinfetah il-grad ta' Custodian of Archives.
Xehedet Joyce Pace li semmiet li tiftakar lir-rikorrent jahdem fir-Registru u spicca fl-arkivju fejn kien hemm ukoll Sciortino. Fahhret ix-xoghol tieghu.

Xehed Lino Grech li kellu l-kariga ta' Direttur Generali tal-Qorti sal-1996 u kien ilu l-Qorti mill-1972. Semma li dwar il-pozizzjoni ta' kustodju kellu korrispondenza ghaddejja mal-MPO. Kien xtaq jirranga l-Arkivju u baghat lis-Sur Alfred Formosa biex jaghmel xoghol fuq l-arkivju, u ried jaghmel hafna xoghol fuqu. Kien ghamel talba ghal Custodian of Archives. Xtaq li min jiehu l-post jaghmel course of studies.

Semma li dak iz-zmien kien hemm tnejn minn nies li kienu addetti fl-Arkivju u cioe` Carmelo Axiaq u Carmel Sciortino. Fil-fatt dawn it-tnejn kienu jaghmlu x-xoghol minn meta spicca missier ir-

rikorrent Karmenu Axiaq li kien ghall-habta tal-1983. Ir-rakkomandazzjoni kienet ghal Custodian of Archives u Assistant Custodian of Archives. Ir-rakkomandazzjoni ghal Custodian of Archives kienet ekwiparabbli ghall-post ta` Marixxall waqt li ta` Assistant Custodian of Archives ghal ma` Purtier. Sciortino u Axiaq kienu jaghmlu l-istess xoghol isfel. L-arkivista fil-fatt huwa r-Registratur tal-Qorti.

Kevin Mahoney Assistent Registratur inkarigat mir-Rizorsi Umani fil-Qorti xehed li mill-1987 'il quddiem il-pozizzjoni tas-Sur Axiaq hi li kien dahal bhala Group A, impjegat Group A fl-1985 u baqa' fl-istess pozizzjoni sal-1992. Fir-riforma li kienet saret fl-1992 b' effett mill-1 ta' Jannar kien sar hu Group A ghaliex fil-fatt qabel kienu ex Dejma jew ex Awziljari u kienu kollha gew assimilati fil-kategorija ta' Grupp "A", jigifieri mill-1987 sal-1992 hu kien Group A. Sussegwentement bhala parti mir-riforma wkoll, numru ta' impjegati li kienu fil-kategorija Grupp A skala b' salarju 20, kienu gew mitluba jiffirmaw dikjarazzjoni li permezz taghha min iffirma kien jigi assimilat fi skala ta' General Hand bi skala ta' salarju 19 u 18. Kien hemm awmentazzjoni fis-salarju u tibdil kemmxejn fl-isem tal-grad li kien jokkupa u ghadu l-istess sal-lum bhala General Hand.

Dwar it-tip ta' doversi esebixxa dokument bi grade description li tinkludi principalment manutenzjoni tal-premises, tindif, tqandil ta' ghamara jew oggetti ohra, tfarfir, hasil, jigbor refuse, difatti qieghda mmarkata bhala cleans offices including windows,

furniture, kitchen and lavatory. Din harget mill-MPO f' Ottubru tal-1997.

Fl-Estacode hemm indikazzjoni tal-Job Description ta' Labourer Group A li principalment kienet tghid l-istess affarijiet; performs manual work which requires no skill. General Hand id-dekrizzjoni kienet inkorporata fl-agreement tghid li d-duties huma li jaghmel xoghol li jehtieg hila u intelligenza imma li fih innifsu ma jinkludix id-dmirijiet kollha ta' xi sengha partikolari. Dawn id-dmirijiet jinkludu manutenzjoni, tiswija, preparazzjoni ta' materjal jew lant ghal xoghol li jirrikjedi sengha kif ukoll thaddim ta' tghamir semplici, u dan huwa fil-fatt id-dokument li ffirma s-Sur Axiaq li permezz taghha gie assimilat bhala General Hand. Min ma ffirmax id-dikjarazzjoni dak iz-zmien baqa' Group A. Min iffirmaha d-dikjarazzjoni sar General Hand u ghalhekk Skala 19 u titla' ghal 18 wara hames snin. Group A baqa' Skala 20. Groups A, B, C u D gew elimitai u saru Group i, ii, iii u iv u l-Group A sar Group i, u l-General Hand Skala 19 u 18 sar Group ii, bl-istess prattikament doveri.

Carmelo Sciortino kien jahdem fl-ufficcju tal-Arkivju u sakemm baqa' jahdem il-Qorti kien jokkupa l-grad ta' Usher fl-Arkivju dejjem, fl-Arkivju Superjuri. Bhala salarju Carmelo Sciortino kellu certament grad ghola minn ta' Axiaq. Sciortino l-kollega tar-rikorrenti kien Skala 15, Skala 14. Zied li Pinu Axiaq missier ir-rikorrent li gieli rriferew ghalih bhala kustodju skond ir-records sab li hu ma kienx kustodju, izda m'ghandux in-nomenklatura preciza ta' dak li kien.

Kien fl-1994 li r-rikorrent sar General Hand li hu marbut ma' Skala 19. Il-grad ta' Usher li kien Sciortino kien abbinat ma' Skala 15. Semma li l-post ta' Kustodju ma taqa' taht ebda wahda mil-gradi imsemmija fid-dokument afol 103. Meta kien hemm is-Sur Sciortino kien imexxi s-sezzjoni s-Sur Sciortino, bis-Sur Axiaq jassistih.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Illi ghalhekk l-ilment tar-rikorrent jista' jinqasam f'zewg aspetti:

A l-fatt li hu ma lehaqx Kustodju;

B il-fatt li ghal numru ta' snin ghamel xoghol ta' Kustodju fl-Arkivju tal-Qorti meta dan ix-xoghol ma kienx jaqa' fil-mansjonijiet tal-grad tieghu.

L-ewwel eccezzjoni hija dik tad-Direttur Generali tal-Qorti li hu mhux il-legittimu kontradittur stante li l-kreazzjoni ta' karigi godda tispetta lill-Management and Personnel Office fl-Ufficju tal-Prim Ministru. Hawn it-Tribunal jifhem l-argument tal-intimat fis-sens specjalment li hu kien favur li tinholoq il-kariga ta' Kustodju tal-Arkivju izda kien l-MPO li oppona u ghalhekk ghandu jirrispondi ghal dan. Izda hawn wiehed irid jifhem li l-kawza f'dan it-tip ta' kawzi trid tkun diretta kontra l-kap tad-Dipartiment li fih allegatament tkun saret l-ingustizza fil-konfront tar-rikorrent anke jekk dan ma jkunx sar propju mill-istess intimat li, kif jigri spiss, dak il-bniedem ikun imbidel, jew ma jkunx ha d-decizzjoni suggett tal-ilment hu stess. Izda jaghmel sens li d-Direttur Generali tal-Qorti talab il-kjamata in kawza tad-Direttur

Generali tal-MPO ghax certament dan hu responsabbli daqs l-ewwel Direttur bin-nofs. Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jichad l-eccezzjoni tad-Direttur Generali tal-Qorti.

Dwar l-ewwel aspett tal-ilment tar-rikorrent jinghad li wara r-riforma fic-Civil gie deciz li n-numru tal-gradi jonqsu u jsiru ferm anqas minn qabel u ghalhekk id-Direttur Generali tal-Management and Personnel Office eccepixxa li l-MPO ma qabilx li terga' ssir struttura dipartimentali zghira ghaliex din kienet tmur kontra l-iskop ta' l-esercizzju tar-riforma fis-Servizz Pubbliku. Barra minn dan, ix-xoghol involut seta jsir minn ufficjali fil-gradi tal-General Service. Huwa veru li diversi drabi mill-Qorti kienet saret rakkomandazzjoni li ssir struttura gdida fis-sezzjoni tal-Arkivji fejn ikun hemm ukoll Custodian of Archives. Izda l-MPO ma qabilx li jergghu jinholqu gradi dipartimentali, u ssugerixxa illi l-Agent Registratur tal-Qorti jikkunsidra l-possibilita' li l-vakanzi jimtlew permezz ta' hatriet skond kif jipprovdi l-ftehim dwar il-Library Grades. Imkien ma jirrizulta li r-rikorrent kellu xi dritt ghal din il-kariga. Hawn ma ahniex nitkellmu fuq xi hatra lil ma hadiex ir-rikorrent ghax din inghatat lil haddiehor li ma kinitx haqqu. Lanqas ma irrizulta li dan il-post ma baqghax jezisti b'xi manuvri bl-iskop li jintlaqat direttament ir-rikorrent. Ghalhekk taht dan l-aspett l-ilment tar-rikorrent mhux validu.

Izda hemm it-tieni aspett tal-ilment tar-rikorrent u cioe' li ghal numru ta' snin ir-rikorrent ghamel xoghol ta' Kustodju fl-Arkivju tal-Qorti meta dan ix-xoghol ma kienx jaqa' fil-mansjonijiet tal-grad tieghu.

Diversi drabi dan it-Tribunal hass li mhux sewwa li persuna iddum ghal zmien twil taghmel xoghol superjuri ghall-grad taghha u ma tinghatax il-promozzjoni jew kumpens ghax dan fil-verita' jammonta ghal li minn ikun qieghed ihaddem qieghed jiehu servizz superjuri ghal dak li qieghed ihallas tieghu. Hi simili ghal li thaddem nies wara l-hin u ma thallashomx tieghu – haga mhix permessa mill-ligi. Dan pero' irid jitqies fil-fattispecji partikolari tal-kaz. Ara f'dan is-sens Pinu Axiaq vs Direttur Generali tal-Qrati 20/6/00, Salvu Farrugia vs Direttur Generali tal-Qrati 3/6/99, u Salvu Fenech vs Direttur Generali tal-Qrati 25/11/97.

Ukoll fil-kawza fl-ismijiet Mario Vella vs Direttur tal-Edukazzjoni et deciza fit-2/11/00 it-Tribunal hass li mhux sewwa li persuna iddum ghal zmien twil taghmel xoghol superjuri ghall-grad taghha u ma tinghatax il-promozzjoni jew kumpens ghax dan fil-verita' jammonta ghal li minn ikun qieghed ihaddem qieghed jiehu servizz superjuri ghal dak li qieghed ihallas tieghu. Hi simili ghal li thaddem nies wara l-hin u ma thallashomx tieghu – haga mhix permessa mill-ligi. Dan pero' irid jitqies fil-fattispecji partikolari tal-kaz. Ara wkoll Anthony Cachia vs Korporazzjoni Enemalta 6 ta' Dicembru, 2000.

Issa rrizulta b'mod car kemm mid-deposizzjoni tal-istess rikorrent kif ukoll tad-diversi ufficjali tal-Qorti li qalu li r-rikorrent kien jaghmel xoghol sewwa superjuri ghal grad tieghu. Fl-affidavit tieghu r-rikorrent semma li ilu jaghmel dan ix-xoghol mit-8 ta' Jannar 1986. Dan it-Tribunal jifhem li haddiem ikollu jaghmel xi zmien jaghmel xoghol superjuri ghal grad tieghu bhal meta

superjur tieghu ikun bil-leave, sick leave, jew meta tinholoq vacancy. Izda meta persuna ddum snin twal anke jekk stess dan ma jaghtix d-dritt ghall-promozzjoni xorta wahda jidhol dritt ghal kumpens kif issemma fuq. Fil-fehma tal-Qorti ir-rikorrent ghandu jinghata kumpens finanzjarju ta' elfejn lira.

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tad-Direttur tal-MPO. Hawn tidher aktar cara r-responsabbilta' taz-zewg Diretturi – kemm ta' dak tal-Qorti, kif ukoll ta' dak tal-MPO minhabba li waqt li kien dak tal-Qorti li assenja xoghol superjuri lir-rikorrent, kien kawza tad-decizzjoni [ possibbilment tajba u fuq dan it-Tribunal mhux sejjer jikkummenta ghax mhix kompitu tieghu ] tad-Direttur tal-MPO li gara dak li fil-fatt gara.

Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elfejn lira [LM2000].

Spejjez kontra l-intimat u kjamat in kawza.